MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2003

Numru 341/2002

PULIZIJA
SPETTUR KEVIN J FARRUGIA
VS
ELAINE GRIMA
KIMBERLY CIOFFI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Elaine Grima ta' 17 il-sena imwielda il-Pieta nhar is-16 ta' Frar 1986 bint Godwin u Doris nee Schembri u residenti 187, Coramor, Triq il-Karmnu, Birkirkara u detentur ta' karta tal-identita numru 87886M u Kimberly Cioffi ta' 16 il-sena imwielda il-Pieta nhar l-20 ta' Mejju 1986 bint Edwin u Marlene nee Zammit u residenti 9, Joecon, Triq Manuel Attard, Hamrun u detentur ta' karta tal-identita numru 234986M talli nhar il-15 t'April 2003 u fil-granet ta' wara f'birkirkara u inhawi ohra f'dawn il-gzejjer:
Ikkommettew serq ta' mobile phone tal-marka Panasonic, u Lm5 fi flus kontanti ghad-dannu ta' Angela Borg li

ghandha numru tal-karta tal-identita 157483M liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur, kif wkoll ikkommettew serq ta' Cashlink Card u BOV student Card mahruga mill-Bank of Valletta plc f'isem Angela Borg li ghandha numru tal-karta tal-identita 157483M fejn ikommettew serq bl-istess cash link card ta' aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1000 (Lm200) ghad-dannu ta' Angela Borg li ghandha numru tal-karta tal-identita 157483M u l-bank kummercjali Bank of Valletta plc liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur ai termini tal-Artikolu 261(b)(c) u 340(c) u (d) tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, bili holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jw skritturi kellhom ikollhom fihom ghad-dannu ta' Angela Borg li ghandha numru tal-karta tal-identita 157483M u l-bank kummercjali Bank of Valletta plc u dan ai termini tal-artikoli 183 tal-kap 9 tal-Kodici ta' Malta.

Talli xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza ghad-dannu ta' Angela Borg li ghandha numru tal-karta tal-identita 157483M u l-bank kummercjali Bank of Valletta plc u dan ai termini tal-artikolu 184 tal-kap 9 tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

Talli b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika ghamlu qliegh ta' aktar minn Lm100 iza anqas minn Lm1000  (Lm200) bi hsara ta' Angela Borg li ghandha numru tal-karta tal-identita 157483M u l-Bank kummercjali Bank of Valletta plc u dan bi ksur tal-artikoli 309 u 310 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli iffalsifikaw cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu ppresentati wiehed jista jircievi bihom hlas jew jiehu kunsinna ta' oggetti jew jigbor depositu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank, jew stabbiliment pubbliku, jew min bank, jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf b'si att pubbliku tal-Gvern u dan ai termini tal-artikolu 167(1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibeghhom bi ksur tal-artikolu 334 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn dokument falsifikat u cioe cashlink card mahruga minn awtorita pubblika ghad-dannu ta' Angela Borg li ghandha numru tal-karta tal-identita 157483M u l-bank kummercjali Bank of Valletta plc u dan bi ksur ta' Artikolu 189 tal-kap 8 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputati sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tat-23 t'April 2003 fejn l-imputati ammettew ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuza u wara li rat Art 261(b)(c), 340(c), 183, 184, 309, 310, 167(1) tal-kap 9, Art 189 tal-kap 8 u Art 22 tal-kap 446 u tilliberahom bla kondizzjoni.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.

---------------------------------TMIEM---------------------------------